MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 455/2012

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**Lorraine Farrugia I.D. 419072(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija disgha u erbghin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€649.21) – rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni, kont numru *A/C 40043175*, moghtija mis-socjeta` attrici lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-

avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' sitt mija disgha u erbghin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€649.21), bl-imghax legali dekorribbli mit-3 ta' Lulju 2012, li hija d-data tal-prezentata tal-avviz, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------